ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 613**

**It-Tnejn 21 t'April, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.06 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 613.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

613.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sinjorina Toshera Schembri u mis-Sinjorina Martina Baldacchino fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, is-Sinjorina Toshera Schembri u s-Sinjorina Martina Baldacchino jkunu skużati.

## 613.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

613.2.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-minuti tas-612-il laqgħa ġew unanimament approvati.

## 613.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

613.3.1 Is-Sindku rrefera għall-oġġezzjoni li kienet ġiet sottomessa mal-Bord tal-Verifika tal-Kuntratti Pubbliċi rigward il-Każ Nru. 2094 – ZLC 4/2024 – Offerta għas-Servizzi ta' Knis tat-Toroq fil-Lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li l-Bord, wara li eżamina l-oġġezzjoni sottomessa u l-kontenut kollu rilevanti, inkluża d-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet involuti, ikkonkluda u ddeċieda kif ġej: li ma jilqax l-oġġezzjoni tal-appellant u l-pretensjonijiet tiegħu u li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tar-rakkomandazzjoni għall-għoti tal-kuntratt. Is-Sindku żied jgħid li din id-deċiżjoni tkompli tissottolinja l-validità u r-regolarità tal-proċess ta' għoti tal-kuntratti kif immexxi mill-Kunsill.

613.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet tressqet talba formali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata permess għall-konċessjoni għall-għoti ta' *direct order* sakemm jiġi konkluż il-proċess tal-Bord tal-Verifika tal-Kuntratti Pubbliċi dwar l-oġġezzjoni tas-sejħa għall-offerti għas-Servizzi ta' Knis tat-Toroq – ZL 4/2024. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li t-talba ġiet approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Barra minn hekk, is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kif il-kuntrattur jipprovdi l-garanzija bankarja, il-Kunsill ikun lest biex jiffirma l-kuntratt il-ġdid.

613.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet tresqet talba formali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata permess għall-konċessjoni għall-għoti ta' *direct order*, sabiex is-Sur Rennie Abela jaħdem monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch tal-*fibre, live size* għall-prezz ta' €50,000 VAT inkluż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din it-talba ġiet ukoll approvata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

613.3.4 Fis-6.11 ta' filgħaxija, is-Sur Leone Sciberras daħal għal-laqgħa.

613.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu qed jistenna d-disinn tal-pedestall flimkien mal-istima tiegħu, u nforma wkoll lill-membri preżenti li l-artist kien ikkuntattjah personalment sabiex jesprimi l-intenzjoni li jitlob ħlas ta' tletin elf ewro (€30,000) bil-quddiem. F'dan il-kuntest, is-Segretarju Eżekuttiv saħqet li kwalunkwe talba għal ħlas trid tiġi sottomessa formalment lill-Kunsill, u staqsiet min kien se jkun

responsabbli għas-sorveljanza u ċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol. Is-Sindku qal li dawn il-funzjonijiet se jitwettqu mill-perit attwali tal-Kunsill u żied jgħid li kien ser jitlob lis-Sur Abela sabiex jibgħat talba formali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas is-somma ta' €30,000 bħala kapparra lis-Sur Abela sabiex ikun jista' jixtri l-materjal meħtieġ għar-realizzazzjoni tal-monument. Is-Sur Leone Sciberras staqsa meta kien mistenni jitlesta l-monument u s-Sindku wieġeb li l-monument għandu jkun lest sa Settembru 2026.

613.3.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Póvoa de Varzim fejn rappreżentanti mill-Kunsill ġew mistiedna għall-festi ta' San Pedro li ser isiru fit-28 u fid-29 ta' Ġunju 2025. Is-Sindku qal li d-delegazzjoni mistennija tkun komposta mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv, u stieden lill-membri preżenti sabiex jindikaw jekk kienx hemm xi ħadd interessat biex jingħaqad mad-delegazzjoni. F'dan ir-rigward, is-Sur Leone Sciberras esprima l-interess tiegħu li jattendi u qal li kien ser jipprovdi risposta definittiva sa l-għada. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimement li jaċċetta l-istedina ta' Póvoa de Varzim u li d-delegazzjoni tkun komposta mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv u minn membru ieħor tal-Kunsill.

613.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva proposta minn Póvoa de Varzim għal inizjattiva ta' skambju kulturali li tinkludi konkors ta' pittura internazzjonali għal studenti żgħażagħ, li se jsir nhar is-Sibt, 3 ta' Mejju 2025 bit-tema *The Color of Citizenship in Digital Education.* Din l-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi spazju għal espressjoni artistika lil studenti ta' bejn l-14 u s-17-il sena, b'mod partikolari dawk li jistudjaw il-pittura u l-arti viżiva. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva u ppropona li jintbagħtu żewġ studenti residenti f'Ħaż-Żabbar, akkumpanjati minn membru tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomandat li tinħareġ sejħa għal espressjoni ta' interess sabiex jiġu magħżula l-parteċipanti. Madankollu, is-Sindku spjega li, minħabba l-iskadenza imminenti, kien diġà ikkomunika ma' għalliema tal-arti tal-iskola sekondarja, li kienu issuġġerew żewġ studenti u li kienu diġà urew interess fis-sena preċedenti iżda li ma setgħux jipparteċipaw minħabba l-eżamijiet tal-*O levels*. Minħabba li ż-żmien kien limitat, is-Sindku ppropona li dawn iż-żewġ studenti jiġu kkunsidrati bħala l-parteċipanti għal din l-edizzjoni. Is-Sindku indika li l-ispejjeż relatati mal-ospitalità se jkunu koperti mill-organizzaturi f'Póvoa de Varzim, u ppropona li l-Kunsill ikopri l-ispejjeż tat-titjiriet. Is-Sur Leone Sciberras issuġġerixxa li tiġi organizzata kompetizzjoni artistika sabiex jiġu identifikati kandidati ta' livell għoli. Is-Sindku qal li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex isir dan u żied jgħid li ser ikun qed jiċċekkja l-prezzijiet u d-disponibbiltà tat-titjiriet sabiex jevalwa jekk il-parteċipazzjoni hix fattibbli. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-parteċipazzjoni f'din l-inizjattiva u l-finanzjament mill-Kunsill għall-ispejjeż tat-titjiriet taż-żewġ studenti magħżula kif ukoll tal-membru tal-Kunsill li se jakkumpanjahom.

613.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-operatur magħżul għas-sejħa għall-offerti ZLC 3/2024R kien l-istess operatur magħżul fis-sejħa preċedenti ZLC3/2024, is-Sur Dennis Scicluna. Madankollu, għal darb'oħra, l-operatur naqas milli jippreżenta l-garanzija bankarja u d-dokumenti amministrattivi meħtieġa fiż-żmien stipulat sabiex

jiġi ffirmat il-kuntratt għat-tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sindku spjega li, b'differenza mis-sejħa preċedenti, din id-darba kien hemm aktar offerti teknikalment validi. It-tieni l-orħos offerta teknikament valida kienet tammonta għal €138,929.05 eskluż il-VAT, li kienet biss €1,028.08 ogħla mill-offerta tas-Sur Dennis Scicluna. Fid-dawl ta' dan u fid-dewmien ikkawżat mill-assenza ripetuta ta' dokumentazzjoni mis-Sur Dennis Scicluna, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jirrevoka l-għażla tas-Sur Scicluna u japprova l-għoti tal-kuntratt lit-tieni l-orħos offerent teknikalment konformi. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament li jirrevoka l-għażla tas-Sur Dennis Scicluna u jikkonferma l-għoti tal-kuntratt lit-tieni offerta teknikalment konformi, *Derek Garden Centre*, għall-prezz ta' €138,929.05 eskluż il-VAT.

613.3.9 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 2/2025) u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mill-Perit Rodney Micallef.

613.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar l-attività tal-*Easter Egg Hunt* li ġiet organizzata mill-Kunsill u rrimarka li din kienet suċċess. Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill kien approva l-organizzazzjoni tal-mixgħela f'Ħamis ix-Xirka, iżda din ma ġietx organizzata għax l-Arċipriet irrifjuta li jikkollabora billi qal li ma kellux biżżejjed ħin biex jinforma lill-Kleru. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu peress li sa issa qatt ma kienet irrifjutata xi attività mill-parroċċa. Il-Kaptan Patrick Barbara ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Arċipriet sabiex tiġi diskussa l-possibbiltà li l-mixgħela ssir is-sena d-dieħla. Is-Sindku qal li ser jitlob laqgħa mal-Kleru kollu sabiex jiċċara jekk hemmx xi nuqqas ta' komunikazzjoni jew problemi mhux magħrufa bejn iż-żewġ naħat. Is-Sindku saħaq li din il-laqgħa hija mportanti, speċjalment għall-fatt li l-Kunsill kien ibbenefika minn fondi sabiex isir xogħol ta' restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju kif ukoll tal-faċċata tal-ħajt taċ-ċimiterju; u għaldaqstant hija essenzjali relazzjoni ta' kooperazzjoni bejn il-Kunsill u l-awtoritajiet parrokkjali.

613.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin se jiġu ffissati żewġ dati għal-laqgħat ta' konsultazzjoni pubblika relatati mas-suq fil-beraħ. Laqgħa waħda se tkun iddedikata għall-bejjiegħa tal-monti, filwaqt li l-oħra se ssir mar-residenti affettwati. Is-Sindku tenna li l-preżenza tal-Kunsillieri f'dawn il-laqgħat hija essenzjali sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom, jifhmu aħjar il-ħtiġijiet tal-komunità u jirrappreżentaw b'mod effettiv il-pożizzjoni tal-Kunsill matul il-proċess ta' konsultazzjoni.

613.3.12 Is-Sindku ppreżenta rendikont finanzjarju relatat mal-*coffee morning* li sar fl-20 ta' Marzu 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-organizzazzjoni ta' *coffee morning* ieħor nhar it-8 ta' Mejju 2025 b'rabta mal-festa ta' Jum l-Omm, bil-għan li jkompli jippromwovi l-integrazzjoni soċjali tal-anzjani fil-komunità.

613.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin mistenni jinbeda x-xogħol fil-bandli ta' Ġnien Tamara Psaila. Is-Sindku żied jgħid li bħalissa qed jinġabru l-

kwotazzjonijiet sabiex isiru l-interventi meħtieġa għar-rinovazzjoni tal-*kitchenette* u t-*toilets* li jintużaw mill-istaff tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li t-taraġ tal-Kunsill kien imtebba bl-ilma. Is-Sindku spjega li dan l-inċident kien ikkawżat minn ħsara fl-uffiċini tal-Pulizija u li issa li t-tiswija tlestiet, il-ħajt se jiġi miżbugħ mill-ġdid mill-pulizija stess. Is-Sindku semma wkoll li ser isir xogħol ta' tisbiħ fl-uffiċini tal-Kunsill, inkluż li tinbidel il-ħġieġa tal-mejda fejn isiru l-laqgħat tal-Kunsill. Madankollu, għalissa mhux ser tiġi mibdula sabiex jiġu kkunsidrati possibilitajiet oħra bħal tibdil tal-għamara tas-sala kollha.

613.3.14 Is-Sindku nfoma lill-Kunsillieri preżenti li bħalissa qed isiru xogħlijiet Infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali fi Sqaq Fwieni, Triq San Anard u Triq l-Isqof Paul Darmanin. Is-Sindku żied jgħid li l-isqaqien li ser isiru permezz tal-*Framework Agreement* mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi huma mistennija li jibdew fi żmien iqsar u li l-permessi meħtieġa għall-bidu tax-xogħol ġew sottomessi mill-kuntratturi. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienux ser isiru l-isqaqien ta' Triq Biċċieni. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u spjega li l-isqaqien li ser jiġu rranġati huma Sqaq Lajri, Sqaq Sidtna tal-Mirakli, Sqaq San Mikiel, Sqaq Nofsinhar, l-isqaqien fi Triq Bajada, Triq il-Kbira Sqaq Nru 1 u 2, Sqaq il-Wied u Misraħ San Ġakbu Sqaq Numru 1. Is-Sindku qal illi x-xogħol f'dawn l-isqaqien kien jinkludi it-tibdil tas-servizzi kollha. Barra minn hekk, is-Sindku żied jgħid li kienu wkoll ġew sottomessi l-permessi meħtieġa sabiex jinbeda x-xogħol infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali fi Triq il-Kaħwiela u eventwalment tinfetaħ it-triq.

613.3.15 Is-Sindku tkellem dwar il-fanali tal-fondut li ser jitpoġġew f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u qal li mistenni jibda x-xogħol ta' manutenzjoni fiż-żmien li ġej u eventwalment jiġu eliminati l-fanali li hemm quddiem Sala Notre Dame. Żied jgħid li kien ser jibda komunikat mad-Direttorat tal-Funtani, fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, sabiex isir xogħol fuq il-funtana li hemm mal-Monument tal-Gwerra, fejn il-banju tal-funtana se jiġi eliminat u l-ilma jkun jitla' minn taħt l-art, simili bħall-funtana li tinsab fi Ġnien il-Kunsill.

613.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex tiġi estiża l-bankina fi Triq San Leonardu fil-viċinanzi taċ-Ċimiterju Navali. Is-Sindku żied jgħid li ġiet sottomessa wkoll talba formali sabiex jitressaq il-*bus stop* 'Bumunqar'. Transport Malta bagħtet ir-risposta tagħha lill-Kunsill, fejn infurmat li se tintbagħat persuna sabiex tivverifika fuq il-post il-fattibilità tat-talba. Fl-istess komunikazzjoni, Transport Malta ċċarat li għalissa l-intervent ser jinżamm sospiż, peress li bħalissa m'hemmx kuntrattur allokat għal dan it-tip ta' xogħol, hekk kif jinsabu fil-proċess li joħorġu sejħa għall-offerti ġdida.

613.3.17 Is-Sindku spjega li bħalissa għaddejjin komunikazzjonijiet sabiex jitnaddfu l-*planters* fi Triq tal-Labour man-naħa tal-*Belvedere*, inkluż it-tneħħija tal-ħaxix ħażin. Is-Sindku żied jgħid li s-siġar jeħtieġu manutenzjoni xierqa, fosthom interventi sabiex jiġu rranġati jew mibdula l-*istakes* tal-irbit li jintużaw biex iżommu zkuk tas-siġar f'pożizzjoni stabbli. Is-Sindku qal ukoll li kien infurmat li tħejja rapport tekniku minn arborista rigward 240 siġra li hemm bejn Triq il-Mina ta' Hompesch u Triq Bieb is-Sultan sabiex jinqalgħu s-siġar. Madankollu, is-Sindku spjega li huwa ma jaqbilx li jitneħħew is-siġar minn Triq il-Mina ta' Hompesch u sostna li għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn siġar li għandhom jitneħħew

minħabba riskju għall-pubbliku u dawk li jitneħħew sempliċiment biss għax qed idejqu lil xi wħud. Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka li kwalunkwe periklu relatat ma' xi siġar x'aktarx hu r-riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni regolari minn naħa tal-entitajiet responsabbli. Is-Sindku żied jgħid li kellu informazzjoni li kien sar djalogu jew preżentazzjoni ta' dan ir-rapport mingħajr l-involviment tal-Kunsill Lokali, u għalhekk talab formalment kopja uffiċjali tar-rapport mingħand Transport Malta u qed jistenna li l-Kunsill jiġi mistieden għal-laqgħa li jmiss. Is-Sindku qal illi huwa ma kienx ser jippermetti li jitneħħew is-siġar li m'humiex perikolużi u ser jistenna r-rapport tekniku tal-esperti.

613.3.18 Is-Sindku qal illi wara li ġiet sottomessa l-oġġezzjoni mill-Kunsill għall-bini ta' Dar tal-Anzjani ta' seba' sulari f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, l-applikant bidel il-pjanti u reġa' ssottometta applikazzjoni mill-ġdid. Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill, kien ser jitlob laqgħa mal-applikant sabiex jiġu diskussi l-ispeċifikazzjonijiet tal-applikazzjoni. Huwa żied jgħid li kien ser jevalwa l-applikazzjoni flimkien mal-perit sabiex jiġi vvalutat jekk ikunu jeħtieġu aktar oġġezzjonijiet.

613.3.19 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta' installazzjoni ta' diversi *charging pillars* madwar il-lokalità. Wara s-sottomissjoni tal-permess taħt l-RWPI għall-installazzjoni ta' *charging pillar* fi Triq Hompesch, ġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet minħabba l-fatt li hemm proposta biex tiġi estiża l-bankina f'din it-triq. F'każ li jkun hemm bżonn ta' xogħlijiet b'użu ta' makkinarju kbir, hemm il-probabbiltà li t-triq tingħalaq temporanjament. Dan jista' jikkawża inkonvenjent għar-residenti minħabba moviment tat-traffiku, inkluż il-karozzi tal-linja, peress li Triq Hompesch hija l-uniku aċċess prinċipali għal Ħaż-Żabbar. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona l-possibbiltà li l-installazzjoni tac-*charging pillar* issir fi Triq Ġanni Bonavia jew f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minflok fi Triq Hompesch, sabiex jitnaqqas l-impatt fuq il-fluss tat-traffiku u l-aċċess għal-lokalità. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li c-*charging pillar* issir fi Triq Ġanni Bonavia jew f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi minflok fi Triq Hompesch.

## 613.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

613.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Marzu 2025 u l-21 t'April 2025 li kienet tammonta għal €70,126.17.

## 613.5 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2024

613.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji 2024 kif emendati.

## 613.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- April 2025

613.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2025. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2025.

613.6.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-*Business Plan* 2025-2029.

## 613.7 Iffirmar ta' MOU – Latrini Pubbliċi

613.7.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma Ftehim ta' *Memorandum* mad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni, relatat mat-tindif, il-manutenzjoni u l-attendenza tal-latrini pubbliċi li jinsabu fi Ġnien il-Kunsill u fi Triq iċ-Ċawsli, għall-prezz ta' €11,190.00 (ħdax-il elf, mija u disgħin ewro). Dan l-ammont huwa l-allokazzjoni finanzjarja annwali li tkun qed tiġi trasferita lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għal dan il-għan.

## 613.8 Żvilupp Dar għall-Anzjani – Triq Wied il-Għajn

613.8.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta minn żviluppaturi li kienu qegħdin iresqu proposta għall-bini ta' Dar għall-Anzjani fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku spjega li din il-proposta kienet f'art agrikola barra ż-żona ta' żvilupp. Is-Sindku indika li fil-preżent kien hemm diversi pjanijiet dwar djar għall-anzjani fosthom il-proposta tal-Kunsill, dar għall-anzjani minflok Dar Sagra Familja, flimkien ma' proposta oħra ta' żvilupp ta' dar għall-anzjani fuq seba' sulari f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, u din il-proposta għal dar simili fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Joseph Buttigieg esprima l-opinjoni tiegħu u qal li l-preżenza ta' aktar djar għall-anzjani f'Ħaż-Żabbar huwa ta' benefiċċju. Is-Sindku indika li hu jrid jevalwa fejn u kif qed isiru l-proposti, u żied jgħid li din il-proposta kienet fuq art barra ż-żona ta' żvilupp (ODZ). Is-Sur Joseph Buttigieg qal li hemm awtoritajiet kompetenti bħall-Awtorità tal-Ippjanar li jieħdu dawn id-deċiżjonijiet u spjega li djar għall-anzjani jistgħu jiksbu permess għall-iżvilupp anke fiż-żoni ODZ. Is-Sindku rrefera għall-oġġezzjoni li kien ippreżenta l-Kunsill għal żvilupp kummerċjali fi Triq tal-Labour minħabba li l-proposta kienet fuq art ODZ. Is-Sur Buttigieg, madankollu, enfasizza li dak il-każ kien differenti peress li din id-darba il-proposta hija dar għall-anzjani u li Ħaż-Żabbar hemm verament bżonn ta' djar għall-anzjani. Is-Sindku qal li l-iżviluppaturi resqu l-proposta lill-Kunsill qabel li ssottomettewha għall-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, u li huwa kien favur żvilupp ta' dar għall-anzjani, iżda mhux favur li din tiġi żviluppata fuq art ODZ. Is-Sur Carlo Scicluna qal li hu ma jaqbilx li jsir żvilupp ta' seba' sulari biex tinbena dar għal anzjani ħdejn il-knisja. Is-Sindku kompla jispjega li l-Kunsill, meta ppropona li jiżviluppa dar għall-anzjani bħala alternattiva għal Dar Sagra Familja, kien impenjat li jassigura li l-iżvilupp ma jkollux impatt ambjentali negattiv. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal żvilupp fuq art ODZ, anke jekk dan kien bini għal dar tal-anzjani, bħala parti mill-politika ta' protezzjoni ambjentali. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk l-art proposta hix privata. Is-Sur Buttigieg staqsa għaliex il-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan il-proġett meta jaf li f'Ħaż-Żabbar hemm bżonn ta' dar għall-anzjani. Madankollu, is-Sindku spjega li l-pożizzjoni tal-Kunsill għal din il-proposta hija dwar l-impatt fuq l-ambjent f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Buttigieg qal li ż-Żabbarin għandhom ikollhom dar għall-anzjani fil-lokalità u m'għandhomx ikollhom imorru 'l bogħod, u f'uħud mill-każijiet, 'il bogħod mill-qraba tagħhom biex isibu dar għall-anzjani. Is-Sindku kkonferma li jekk il-Kunsill japprova din il-proposta ikun qed japprova qerda ambjentali, u għaldaqstant ma jaqbilx li ssir approvazzjoni ta' żvilupp, hu x'inhu l-iżvilupp, fuq art ODZ. Is-Sindku kompla

jgħid li jekk il-Kunsill japprova dar għall-anzjani fuq art ODZ, 'il quddiem il-Kunsill ikollu japprova proposti oħra fuq art ODZ x'imkien ieħor. Barra minn hekk ma jfissirx li jekk hemm *policy* tal-Awtorità tal-Ippjanar li tippermetti li jinbnew djar għall-anzjani fuq art ODZ, il-Kunsill għandu japprova żvilupp li jista' jirriżulta f'qerda ambjentali. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk l-art li qed tiġi proposta hemmx bidwi jaħdimha jew jekk hix bil-qbiela. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jiddiskuti l-prinċipju jekk għandhiex tiġi żviluppata art agrikola u mhux ta' min hi l-art jew jekk hix bil-qbiela. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir laqgħa mal-iżviluppaturi sabiex jiġu diskussi l-aspetti u d-dettalji tal-proposta. Is-Sindku qal li kien diġà ltaqa' mal-iżviluppatur u ddiskuta l-proposta, u żied jgħid li l-iżviluppaturi kienu qed jistaqsu jekk il-Kunsill jaqbilx fil-prinċipju mad-deċiżjoni li tiġi żviluppata dar għall-anzjani qabel ma jissottomettu l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sur Leone Sciberras talab spjegazzjoni dwar ir-raġuni għaliex il-Kunsill għandu joġġezzjona f'dan l-istadju. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-art kinitx kompletament f'żona barra l-iżvilupp u s-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Buttigieg esprima l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta peress li kienet żvilupp ta' dar għall-anzjani, u enfasizza li kieku kienet proposta għal żvilupp ta' appartamenti kien ikun kontra l-proġett. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hux possibbli li din id-deċiżjoni tittieħed fil-futur. Is-Sur Leone Sciberras esprima li hu mhux komdu jieħu deċiżjoni mingħajr l-informazzjoni kollha meħtieġa. Is-Sindku enfasizza li l-korrispondenza mill-iżviluppaturi kienet diġà ġiet mibgħuta lill-Kunsillieri fit-13 ta' Marzu 2025 u li l-Kunsillieri kellhom biżżejjed ħin biex jippreparaw ruħhom għal din id-deċiżjoni. Barra minn hekk kienet imniżżla fl-agenda tal-laqgħa. Is-Sur Joseph Agius qal li huwa bħal kulħadd kien jaqbel li tiġi żviluppata dar għall-anzjani imma ma jaqbilx li l-iżvilupp isir fuq art agrikola. Is-Sur Leone Sciberras qal li huwa ma kienx komdu jieħu deċiżjoni meta m'għandux l-informazzjoni meħtieġa. Is-Sindku rrimarka li jekk kellu diffikultajiet biex jaċċessa l-korrispondenza, seta' talab assistenza. Is-Sur Sciberras saħaq li wara li sema u ddiskuta din il-proposta, għandu bżonn jivverifika l-fatti. Is-Sur Sciberras ippropona li l-vot dwar din il-materja għandu jiġi deferit għal darb'oħra. Is-Sindku żied jgħid li d-deċiżjoni għandha tittieħed illum u żied jgħid li għalhekk l-aġenda tintbgħat minn qabel u l-informazzjoni kollha kienet diġà intbgħatet.

613.8.2 Fis-7.53 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti minħabba nuqqas ta' *quorum.*

613.8.3 Fit-8.02 ta' filgħaxija l-laqgħa tkompliet.

613.8.4 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibgħat javża lill-iżviluppatur li ma kienx qed jaqbel ma' dan l-iżvilupp minħabba li l-art hija agrikola u ż-żona kienet barra ż-żona tal-iżvilupp. Wara li ttieħdu l-voti kien hemm 3 voti favur, 3 voti kontra u astenzjoni waħda. Minħabba li r-riżultat kien indaqs, is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal-liġi skont is-sitt skeda li tgħid: "Il-persuna li tkun qiegħda tippresjedi tista' tagħti l-vot oriġinali fuq kull suġġett li jkun ġie għall-votazzjoni, u fil-każ fejn il-voti jiġu indaqs jista' jagħti l-*casting vote* ukoll jekk ikun ta l-vot oriġinali." F'dan il-każ, is-Sindku, li kien qed imexxi l-laqgħa, uża l-*casting vote* u u ddeċieda li l-vot finali jkun kontra l-proposta u li għalhekk il-Kunsill jibgħat javża lill-iżviluppatur li ma kienx qed jaqbel ma' dan l-iżvilupp minħabba li l-art hija agrikola u ż-żona kienet barra ż-żona tal-iżvilupp. Is-Sindku qal li l-interess tal-Kunsill huwa li l-art agrikola fi ħdan il-

lokalità tibqa' protetta favur l-ambjent. Fl-istess waqt, sostna li l-Kunsill diġà qed jaħdem favur l-aspett soċjali, fosthom dwar il-ħtieġa ta' dar għall-anzjani. Madankollu, irrimarka li bħala Kunsill għandu jkun prudenti, peress li approvazzjoni ta' żvilupp fuq art barra ż-żona ta' żvilupp tista' toħloq preċedent għall-iżvilupp ta' artijiet oħra li huma suxxettibbli għal tali żvilupp. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li dawk li vvutaw favur għamlu dan għax jappoġġjaw l-iżvilupp ta' dar għall-anzjani, iżda sostna li kieku l-proposta kienet relatata ma' żvilupp ta' appartamenti, kienu jivvutaw kontra.

## 613.9 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

613.9.1 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura FCB545 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonardu fil-viċinanzi ta' Maġġi, fejn talbet kumpens ta' €72.28 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlet fil-vettura tagħha. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [1]

## 613.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

613.10.1 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jinqata' il-ħaxix fi Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur diġa beda jaqta dan il-ħaxix.

613.10.2 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jiġu organizzati il-*parking bays* ta' Triq in-Naħla minħabba li l-vetturi kienu qed jipparkjaw bl-addoċċ u kienu qed jintilfu l-ispazji ta' parkeġġ.

613.10.3 Is-Sur Leone Sciberras talab laqgħa mas-Sindku sabiex jiġi diskuss il-proġett relatat mal-applikazzjoni għall-iskema ta' finanzjament.

613.10.4 Is-Sur Leone Sciberras staqsa meta kien ser jitwaħħal il-*bus shelter* fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-kumpanija *Faces*. Is-Sur Leone Sciberras talab li Triq Berebies tiġi *one way*. Is-Sindku qal li dan mhux possibbli li jsir minħabba t-trakk tal-iscammel. Is-Sur Leone Sciberras ressaq ilment f'isem ir-residenti li wrew sodisfazzjon bir-rotta temporanja tal-karozza tal-linja li tgħaddi minn Triq Villabate, iżda talbu wkoll sabiex il-frekwenza tas-servizz tiżdied u s-servizz jitqies bħala wieħed permanenti. Is-Sur Sciberras talab sabiex il-karozzi tal-linja jibdew jgħaddu minn Triq Bieb is-Sultan. Semma wkoll il-bżonn ta' manutenzjoni fuq il-*bus shelter* fi Triq ix-Xgħajra ħdejn l-ispiżerija li ilu f'qagħda deterjorata għal aktar minn tliet snin. Is-Sur Sciberras talab li jiżdied aktar dawl minn Misraħ Alofju Wignacourt sa Triq Alessio Erardi. Huwa semma wkoll li tneħħiet lampa minn Triq John Delia wara li saru xogħlijiet u minħabba f'hekk iż-żona tinsab mudlama. Barra minn hekk, ġie enfasizzat il-bżonn urġenti li jitwaħħlu d-dwal taż-*zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ressaq u rrapporta lil Infrastruttura Malta diversi lmenti minħabba li wara li saru xogħlijiet infrastrutturali, iż-*zebra crossing* tħalliet mingħajr id-dawl meħtieġ. Is-Sur Sciberras semma wkoll il-ħtieġa li jkun hemm il-ħinijiet imniżżla fuq it-tabelli tal-*loading/unloading bays*. Is-Sindku qal li kull fejn hemm tabella tal-*unloading bay* dejjem ikun hemm il-ħinijiet fuqhom. Is-Sur Sciberras qal li hemm bżonn ta'

tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sindku qal illi kif ġie diskuss aktar qabel fil-laqgħa, il-Kunsill għadu għaddej bil-proċess sabiex jintgħażel il-kuntrattur, minħabba li l-kuntrattur magħżul ma ssottomettiex il-garanzija bankarja. Barra minn hekk ġie ssuġġerit li Triq it-Tabib Lawrence Fenech tiġi nkluża f'programm ta' tindif b'mod regolari u talab kopja tal-iskeda tat-tindif. Is-Sindku talab lis-Sur Sciberras iressaq l-ilmenti b'iktar dettalji u mhux b'mod ġeneriku. Barra minn hekk is-Sindku talab lis-Sur Sciberras li m'għandux għalfejn jistenna l-laqgħa tal-Kunsill sabiex iressaq l-ilmenti.

613.10.5 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitnaddfu l-*pots* fi Triq is-Santwarju kif ukoll isir żbir u tindif tas-siġar u l-*planters* li hemm fi Triq tal-Labour.

613.10.6 Is-Sur Carlo Scicluna talab li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-*lights* li hemm fi Triq Villabate.

613.10.7 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitbattlu l-*bins* tal-klieb li hemm fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa minħabba li kienu mimlija.

613.10.8 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq proposta sabiex tiġi organizzata attività b'rabta mal-Imnajra. Is-Sur Scicluna kompla jissuġġerixxi li bħala parti mill-attività, għandhom jiġu mistiedna bdiewa sabiex juru prodotti agrikoli, flimkien ma' grupp ta' għannejja sabiex ikantaw għana tradizzjonali. L-attività għandha tiġi organizzata fit-Teatru Grieg u jiġi offrut ikel Malti. Is-Sindku qal li kien ser jagħmel kuntatt mal-entità *Project Green* bil-għan li din l-attività tiġi organizzata b'kollaborazzjoni magħhom. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li l-attività tiġi organizzata fil-venda. Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-attivita' għandha tiġi organizzata fi Ġnien il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Scicluna li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività relatata mal-Imnarja. Is-Sur Scicluna ssuġġerixxa li l-attività tkun skedata għall-21 ta' Ġunju.

613.10.9 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ż-*zebra crossing* li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru kienet perikoluża minħabba li kienet fil-kantuniera u l-vetturi iduru b'veloċita' qawwija.

**613.11 Mozzjonijiet**

613.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**613.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

613.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

613.12.2 Il-laqgħa spiċċat fid-8.55 ta' filgħaxija.

FFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-614-il laqgħa li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju, 2025.

FFIRMATA

Jorge Grech
Sindku